***Fl-Okkażjoni ta' l-Ewwel Kunsill Lokali maħtur demokratikament fiż-Żejtun.***
***Il-Kan. Joe Abela jikteb dwar:***

# Ġuże Abela *(1753 - 1816)*

## L-Ewwel Kmandant taż-Żejtun fi żmien l-Ingliżi.

**Il-kelmiet "Sindku u Kmandant"**

Ilkoll kemm aħna wżajna kemm il-darba l-kelma "Sindku", mingħajr forsi ma ntbaħna eżattament xi tfisser. Lis-sorijiet ta' Ġesu' Nażżarenu, iż-Żwieten iħobbu jsejħulhom 'Tas-Sindku', għaliex missier Ġużżeppina Curmi, il-fundatriċi, kien Dr. Paolo Curmi, sindku tar-raħal madwar mitt sena ilu. Dan Dr. Curmi kien is-sitt kap taż-Żejtun fi żmien l-Ingliżi. Iżda kien hemm żmien meta il-kap tar-raħal flok sindku kienu jsejħulu Kmandant. Din il-kelma għadna nużawha sal-lum meta nirreferu għall-gnien pubbliku li jinsab qrib San Girgor. Fil-fatt, iż-Żwieten isejħulu " Il-Ġnien tal-Kmandant ".

**Il-Ġnien tal-Kmandant.**

Wara li l-Maltin, bl-għajnuna ta' l-Ingliżi irnexxielhom ikeċċu minn Malta lis-suldati Franċisi, Malta waqgħet f'idejn l-Ingliżi fl-1800. Sir Alexander Ball, il-kummissarju Civili Ngliż, li kien għen ħafna li'-Maltin fir-rewwixta kontra l-Franċizi, ried jippremja lill-mexxija tal-Maltin fit-taqbida li kienet għadha kif intemmet kontra l-għadu komuni. Allura hu bena numru ta' ġonna f' diversi rħula. Dawn il-gonna barra taż-Żejtun, il-lum huma kollha jew f'idejn familji privati jew twaqqgħu.

Il-Kap tal-Battaljun taż-Żejtun kontra l-franċizi kien Ġuże' Abela. Dan il-battaljun, li allura kien l-akbar wieħed ta' Malta, kien fih aktar min 300 suldat. Is-Salib tal-Pjazza għadu jfakkarna f'waħda mill-battalji tagħhom. Sir Alexander Ball, malajr wara ir-rebħa, ħatar lil Guze' Abela bħala Kmandant taż-Żejtun, u tah għal-użu tiegħu il-ġnien li aħna għadna sal-lum insejħulu, "Il-Ġnien tal-Kmandant". Kitba fuq il-bieb prinċipali tal-ġnien tgħid: "dan il-ġnien, li dejjem għandu jservi għall-Logutenent tar-raħal, gie mibdi u mitmum taħt it-tregija ta' Alexander John Ball, f'isem Ġorġ III, Re tal-Gran Brittanja, Gvernanti tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex".

**"San Pawl Kuntent"**

Il-Maltin, bħal nies oħra, għandhom ħabta kif idawwru l-pronunzja ta' kliem barranin biex iġibuha eħfef għal ilsienhom. Il-Kelma "Luogotenente" (bl-Ingliż,Lieutenant) malajr bidluha f'Logotenente-Logotenent - kuntent. Anzi fiż-Żejtun missirijietna ma waslux fl-estrem li fih waslu r-Rabtin,dejjem iffissati fuq San Pawl,li tant ikkorrompew il-kelma "Logotenent" li saħansitra semmew triq għal San Pawl kuntent!

**Il-Familja ta' Ġuże' u Domenica.**

Il-Familja Abela ilha teżisti għal mijiet ta' snin fiż-Żejtun,saħansitra fi żmien meta l-knisja parrokkjali kienet għadha dik li aħna nsejħulha "San Girgor". Ġuże' nnifsu twieled fiż-Żejtun fis-17 ta' ĠUNJU 1753, minn Tumas Abela u Margerita,nee' Bonniċi. Ta' 30 sena, Ġuże' Abela żżeweġ lil Domenica Bonavia minn Ħal-Luqa. Domenica wkoll kienet ġejja minn familja prominenti ghaliex niltaqgħu ma' kmandant tal-Gudja wkoll fir-razza tagħha. Ġuże' u martu Domenica ġew joqogħdu fiż-Żejtun fi triq Santa Marija, numru 44. Minn Domenica,Ġuże' kellu lil Margerita,li baqgħet ma żżewwġitx,lil Tumas,li sar saċerdot,lil Vinċenzo u lil Marija Tereża. Minn din Marija Tereża Abela hu mnissel f 'linja diretta L-Eċċ. Tiegħu Dr. Alexander Cachia Żammit. Wara li mititlu Domenica,Ġuże' żżewweġ lil oħtha Anna.Minn Anna,Ġuże' kellu tifel wieħed li semmih Filippu.

Ġuże' Abela dam Logotenent taż-Żejtun sas-sena 1815,meta l-Gvernatur Maitland qasam il-Gżejjer Maltin f 'numru ta'Distretti, fosthom id-Distrett taż-Żejtun,u ħatar Logotenenti ġodda mill-klassi tan-Nobbli,filwaqt li l-Logotenenti ta'qabel bdew jissejħu Deputati Logotenenti. Hekk il-Baruni Pasquale Sciberras Trigona sar Logotenent tad-Distrett taż-Żejtun,li kien jinkludi wkoll lil Ħaż-Żabbar, Ħal-Tarxien, Raħal Ġdid, Ħal-Luqa, Ħal-Għaxaq u L-

(ikompli paġna 35)

Gudja, filwaqt li Ġuże' Abela beda jissejjaħ Deputat Logotenent taż-Żejtun.

**Mewt ta' Ġuże' Abela.**

Ġuże' Abela miet fl-14 ta' Ġunju 1816,fl-għomor ta' 63 sena.Skond ir-registrazzjoni tal-mewt tiegħu,il-mewt fuq Ġuże ġiet f' daqqa,mingħajr ma kien jistenniha.Hu ma mietx fid-dar tiegħu fi Triq Santa Marija,lanqas fil-ġnien li kien bnielu Sir Alexander Ball, iżda f'dar privata li kellu fil-kampanja,viċin il-kappella ta' San Niklaw,fil-bidu ta'l-isqaq li jagħti għal Ħal Ġilwi.Wara mewtu,laħaq Deputat Logotenent taż-Żejtun Pietru Pace.

**Is-Setgħat tad-Deputati Logotenenti.**

Tajjeb li nistaqsu x'setgħat kellhom dawn id-Deputati Logotenenti fl-ewwel żminijiet ta'l-Ingliżi f' Malta.Hekk inkunu nistgħu ukoll inqabbluhom mas-setgħat li għandhom is-Sindki ġodda li qed jinħatru bħalissa f'Malta.Proklama tal-1819 tqassam id-dmirijiet tad-Deputati Logotenenti fi tlieta:(1)Maġistrati Ċivili:permezz ta'seduta fix-xahar jaqtgħu l-kawżi li ma jilħqux aktar minn 25 skud;(2) Uffiċjali tal-Pulizija; riedu jżommu l-ordni fir-raħal billi jarrestaw lil min jikser il-liġi u jikkontrollaw il-prezzijiet u l-użin (3) Reġistraturi tat-twelid ,żwiġijiet u l-imwiet-notamenti mportanti li qabel l-Ingliżi kienu jsiru biss mill-kappillani tal-parroċċi. Fl-1839 tneħħiet is-sistema tal-Logotenenti u d-Deputati tagħhom,u flokhom saru seba' Sindki tal-kampanja, kollha avukati. Iż-Żejtun kien is-sede ta' wieħed minn dawn.

**Demokrazija ta' Żmienna.**

Differenza mportanti bejn dawn is-Sindki ta'żmien l-Ingliżi u s-Sindki tagħna hi l-mod ta'kif jintgħażlu. Filwaqt li ta'żmien l-Ingliżi kienu jiġu mposti fuq iż-Żwieten mill-Gvernatur Ingliż mingħajr, tista'tgħid, ebda konsultazzjoni ma'ħadd, għall-anqas għall-bidu, dawn ta'żmienna qegħdin jintgħażlu b'mod mill-aktar demokratiku miż-Żwieten, b'konsegwenza li l-kelma tagħhom ghandha jkollha aktar qawwa quddiem l-awtoritajiet ċivili, għaliex jitkellmu f'isem il-poplu, sakemm sintendi l-liġi tal-Kunsilli Lokali tippermettilhom. Dan mhux iżda l-ewwel esperiment fid-demokrazija. Fiż-żminijiet Medjevali Tardivi, iż-Żwieten kienu jagħżlu tnejn min-nies, li allura kienu jissejħu Kuntistabbli, biex jirrapreżentawhom fil-Kunsill Popolari ta'l-Imdina. Is-setgħat ta'dan il-Kunsill kienu limitati ħafna.


# ĊANĊU GARAGE

**Triq il-Kastellan, Żejtun**



**Coaches, Buses, Minibuses**
**and Luggage Vans for Hire**
**NIGHT AND DAY SERVICE**

**Tel: 694967-695856**